18 ta' April 2019
53/2019

## IL-ĦASIL TAR-RIĠLEJN MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA

Din is-sena f'Ħamis ix-Xirka filgħaxija, waqt it-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej fil-Konkatidral ta' San Ġwann, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jaħsel riġlejn 16-il persuna li ħafna minnhom missew mas-servizzi li Caritas Malta toffri lis-soċjetà. Dawn jinkludu:

- ġenituri ta' wlied li għamlu programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga fi ħdan Caritas,
- romol u separati,
- klijenti u voluntiera ta' Caritas, u
- koppji miżżewġa mill-parroċċi tal-Iklin u ta' Santa Luċija li fihom saret Viżta Pastorali matul l-aħħar xhur.

Matul din is-sena l-entità tal-Knisja Caritas Malta qed tfakkar il-50 anniversarju mit-twaqqif tagħha kif ukoll it-30 anniversarju mill-ftuħ tal-komunità terapewtika tal-komunità ta' San Blas.

Il-ħasil tar-riġlejn huwa ġest li bih, b'mod simboliku, iċ-ċelebrant iwettaq il-kmand ta' Ġesù lill-appostli fl-aħħar ċena. Dan il-ġest jisħaq dak li Ġesù ried li jkun il-qofol tal-ħajja ta' dawk li jemmnu fih, jiġifieri li jħobbu lill xulxin b'mod konkret li jidher fil-qadi ta' kulħadd mingħajr interessi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**